



Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

2018/2046(BUD)

4.9.2018

OPINJONI

tal-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali

għall-Kumitat għall-Baġits

dwar l-abbozz ta' baġit ġenerali tal-Unjoni Ewropea għas-sena finanzjarja 2019
(2018/2046(BUD))

Rapporteur għal opinjoni: Derek Vaughan

PA_NonLeg

SUĠĠERIMENTI

Il-Kumitat għall-Iżvilupp Reġjonali jistieden lill-Kumitat għall-Baġits, bħala l-kumitat responsabbli, biex jinkorpora s-suġġerimenti li ġejjin fil-mozzjoni għal riżoluzzjoni tiegħu:

1. Jenfasizza l-importanza tal-politika ta' koeżjoni bħala l-politika ewlenija ta' investiment tal-Unjoni li tgħin biex jitnaqqsu d-disparitajiet ekonomiċi, soċjali u territorjali bejn u fi ħdan ir-reġjuni tal-UE u biex jiġi evitat li xi żoni jaqgħu lura, biex jiżdied it-tkabbir ekonomiku intelliġenti, sostenibbli u inklużiv, jinħolqu impjiegi ġodda u jiġi indirizzat il-qgħad, jittejbu l-kompetittività tal-SMEs u l-aċċess għas-swieq globali, titrawwem l-innovazzjoni f'żoni urbani u rurali u biex l-awtoritajiet lokali u reġjonali jiġu mħeġġa jagħmlu t-tranżizzjoni lejn ekonomija newtrali f'termini ta' emissjonijiet tal-karbonju; josserva li kull euro investit fil-politika ta' koeżjoni ta' redditu fuq l-investiment ugwali għal 174 %¹ u inqas investiment ser jirriżulta f'inqas tkabbir u inqas impjiegi għaċ-ċittadini; jissottolinja li l-politika ta' koeżjoni hija ta' benefiċċju għall-Istati Membri kollha; jappella biex il-fondi ta' koeżjoni jżommu r-rwol tagħhom bħala l-politika ta' investiment ewlenija tal-Unjoni Ewropea b'baġit li jirrifletti l-għanijiet ambizzjużi tal-politika ta' koeżjoni;
2. Ifakkar li l-politika ta' koeżjoni hija wieħed mill-istrumenti l-aktar importanti biex jiġu indirizzati l-prijoritajiet ewlenin definiti fl-abbozz ta' baġit tal-Kummissjoni għall-2019 - il-bini ta' ekonomija Ewropea aktar b'saħħitha u aktar reżiljenti, it-tnaqqis tal-inugwaljanzi fl-UE, il-ħolqien tal-impjiegi, il-ħolqien ta' solidarjetà u sigurtà fi ħdan u lil hinn mill-fruntieri tal-UE u l-iżgurar ta' implimentazzjoni xierqa tal-baġit tal-UE; f'dan ir-rigward jenfasizza l-importanza tal-impenji li ttieħdu fil-Ftehim ta' Pariġi u tal-ksib tal-miri tal-UE dwar il-klima u l-enerġija; jenfasizza l-importanza tat-titjib tal-viżibilità tal-fondi tal-UE u l-komunikazzjoni aħjar tar-riżultati tal-politika ta' koeżjoni; ihegġegħ lill-Kummissjoni biex flimkien mal-Istati Membri jqajmu kuxjenza dwar id-diversi possibbiltajiet ta' investiment tal-UE, biex jippreżentaw proġetti innovattivi u jaqsmu prattiki tajbin;
3. Jinnota b'sodisfazzjon li, wara li kien hemm sottoimplimentazzjoni fl-ewwel snin tal-perjodu 2014-2020, l-implimentazzjoni tal-programmi attwali fl-aħħar qed tilħaq ir-ritmu operattiv regolari tagħha u hemm titjib fil-pagamenti u fir-rata tal-għażla tal-proġetti; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li d-dewmien li kien hemm fil-bidu tal-perjodu ta' programmazzjoni jista' jirriżulta f'akkumulazzjoni ta' applikazzjonijiet ta' pagament fl-2019; jirrikonoxxi l-isforzi magħmula mill-Kummissjoni biex jiġi evitat il-ħolqien ta' akkumulazzjoni bla bżonn; f'dan ir-rigward, ihegġegħ li jiġu pprovduti livelli suffiċjenti ta' approprjazzjonijiet ta' pagament biex l-implimentazzjoni tal-politika tipproċedi mingħajr xkiel; minħabba li, skont rapporti reċenti dwar żborżi diżaggregati skont l-Istat Membru, xi Stati Membri għadhom lura ħafna f'termini ta' fondi żborżati, jistieden lill-Kummissjoni taċċerta n-nuqqasijiet u tiegħu miżuri bil-ħsieb li tittejjeb l-adozzjoni tal-Fondi SIE;
4. Jieħu nota taż-żieda proposta ta' 1.1 % tal-livell ta' approprjazzjonijiet ta' pagament, bi tnaqqis ta' 8.9 % u 3.6 % rispettivament għall-Fond ta' Koeżjoni u l-Kooperazzjoni

¹ Dokument ta' Ħidma tal-Persunal tal-Kummissjoni tad-19 ta' Settembru 2016 bit-titolu "Evalwazzjoni ex post tal-FEŻR u l-Fond ta' Koeżjoni 2007-13" (SWD(2016)0318).

Territorjali Ewropea, kif ukoll iż-żieda ta' 2.8 % f'approprjazzjonijiet ta' impenn taħt l-Intestatura 1b fl-abbozz ta' baġit tal-2019 meta mqabbel mal-baġit preċedenti; jinsab imħasseb dwar il-fatt li dawk l-ammonti jistgħu ma jkunux biżżejjed biex jilhqqu mal-pass tal-implimentazzjoni tal-programmi taħt dik l-intestatura u biex jipprevjenu akkumulazzjoni mill-ġdid ta' talbiet mhux imħallsa, li jipperikola l-kredibbiltà tal-politika ta' koeżjoni; jenfasizza għalhekk il-ħtieġa ta' livell oġhla ta' approprjazzjonijiet ta' pagament biex jintwera li l-UE hija kapaċi tissodisfa l-impenji tagħha u b'hekk issaħħaħ il-kredibbiltà tagħha;

5. Ifakkar lill-Kummissjoni fid-dewmien fil-ħatra tal-awtoritajiet nazzjonali ta' ġestjoni; jiġbed l-attenzjoni għall-fatt li, mill-31 ta' Mejju 2018, għad iridu jiġu assenjati awtoritajiet nazzjonali għal 16-il programm; jappella lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri biex jikkooperaw b'mod attiv biex ilestu l-proċess ta' ħatra malajr kemm jista' jkun sabiex tiġi żgurata implimentazzjoni mingħajr xkiel tal-programmi attwali; jistieden lill-Istati Membri jagħmlu kull sforz possibbli biex iżidu l-kapaċità ta' assorbiment tagħhom u jaċċelleraw l-implimentazzjoni tal-proġetti sabiex jillimitaw id-dewmien ikkawżat minn finanzjament ta' koeżjoni mhux mitmum matul is-sena finanzjarja attwali; jenfasizza għal darba oħra l-ħtieġa li tittejjeb l-implimentazzjoni tal-finanzjament u li jitnaqqsu l-piżijiet amministrattivi, u jappella lill-Istati Membri biex jaħdmu aktar mill-qrib mal-grupp ta' ħidma tal-Kummissjoni biex jiżguraw implimentazzjoni aħjar u b'hekk jikkonsolidaw il-kapaċitajiet ta' ġestjoni ta' finanzjament tal-koeżjoni;
6. **Jieħu nota** tal-proposta li l-baġit tal-Programm ta' Appoġġ għal Riformi Strutturali (SRSP) jiżdied bi EUR 80 miljun għall-2019-2020, b'EUR 40 miljun għall-abbozz ta' baġit tal-2019, biex b'hekk il-pakkett globali tal-SRSP jingiebb għal EUR 222.8 miljun; iwissi li ż-żieda għandha tiġi ffinanzjata permezz tal-mobilizzazzjoni tal-istrument speċjali u mingħajr ebda spiża għall-politika ta' koeżjoni; jistieden lill-Kummissjoni tfittex aktar sinerġiji u komplementarjetajiet mal-programmi tal-FSIE u programmi oħrajn tal-UE relatati mar-riċerka, l-innovazzjoni u l-kompetittività, bħal Orizzont, pereżempju biex jitrawmu l-innovazzjoni u d-diġitalizzazzjoni f'żoni rurali u f'ekonomiji rurali;
7. Jinnota l-impatt inkredibbilment pożittiv tal-fondi ta' koeżjoni f'żoni ta' kunflitt; inkluż il-Programm ta' Paċi fl-Irlanda ta' Fuq; jitlob lill-Kummissjoni u lill-Istati Membri jkomplu jappoġġaw il-proċess tal-paċi billi jibqgħu jiffinanzjaw ċerti programmi speċifiċi, bħall-programm PEACE, b'kundizzjonijiet li għad iridu jiġu determinati u mingħajr preġudizzju għan-negożjati għaddejjin bħalissa; jindika li l-fondi mill-programmi ta' kooperazzjoni territorjali Ewropea, jiġifieri, għall-kooperazzjoni transkonfinali fuq il-fruntieri esterni tal-UE, jistgħu jkunu wkoll ta' benefiċċju għall-politika ta' tkabbir.

**INFORMAZZJONI DWAR L-ADOZZJONI
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

Data tal-adozzjoni	3.9.2018
Riżultat tal-votazzjoni finali	+: 23 -: 0 0: 0
Membri preżenti għall-votazzjoni finali	Pascal Arimont, Mercedes Bresso, Aleksander Gabelic, Michela Giuffrida, Ivan Jakovčić, Louis-Joseph Manscour, Iskra Mihaylova, Andrey Novakov, Younous Omarjee, Mirosław Piotrowski, Liliana Rodrigues, Ruža Tomašić, Ramón Luis Valcárcel Siso, Monika Vana, Matthijs van Miltenburg, Lambert van Nistelrooij, Derek Vaughan, Kerstin Westphal
Sostituti preżenti għall-votazzjoni finali	Daniel Buda, Raffaele Fitto, Elsi Katainen, Tonino Picula, Maria Gabriela Zoană

**VOTAZZJONI FINALI B'SEJĦA TAL-ISMIJIET
FIL-KUMITAT LI JINTALAB JAGĦTI OPINJONI**

23	+
ALDE	Ivan Jakovčić, Elsi Katainen, Iskra Mihaylova, Matthijs van Miltenburg
ECR	Raffaele Fitto, Mirosław Piotrowski, Ruža Tomašić
GUE/NGL	Younous Omarjee
PPE	Pascal Arimont, Daniel Buda, Lambert van Nistelrooij, Andrey Novakov, Ramón Luis Valcárcel Siso
S&D	Mercedes Bresso, Aleksander Gabelic, Michela Giuffrida, Louis-Joseph Manscour, Tonino Picula, Liliana Rodrigues, Derek Vaughan, Kerstin Westphal, Maria Gabriela Zoană
VERTS/ALE	Monika Vana

0	-

0	0

Tifsira tas-simboli użati:

+ : favur

- : kontra

0 : astensjoni